Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,778, 2 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 47 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 73 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 10 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"10. F'każijiet fejn l-applikant ikollu nuqqas ta' għarfien f'oqsma partikolari mhux koperti fil-grad tiegħu/tagħha, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jgħaddi minn taqsimiet studju suppplimentari ta' livell 3 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS."

It-Tħassir tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 14 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 14 sa 17 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 13 sa 16.

L-Emenda għall-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok l-ordinament 14 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"14. (1) L-istudenti huma meħtieġa jiltaqgħu mas-superviżuri tagħhom mill-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk aktar spiss jekk is-superviżur jidhirlu li meħtieġ.

(2) Fl-aħħar ta' kull semestru ta' studji s-superviżuri huma meħtieġa li jagħtu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal xi tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(3) Il-Bord tal-Istudji għandhom perjodikament jinformaw lill-Bord, bil-miktub, dwar il-progress ġenerali ta' kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu."